**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz ASF 148/2022**

**SC (Ilmentatur)**

**Vs**

**Calamatta Cuschieri Investment Services Ltd (C 13729)**
**(Provditur tas-Servizz)**

**Seduta tas-6 ta' Gunju 2023**

**L-Arbitru**

Dan huwa kaz imressaq mill-Ilmentatur rigward talba minghand il-Provditur tas-Servizz biex jithallas kont li jammonta ghal Euro 1793.25 biex ikopri taxxa dovuta fuq *split* fix-*shares* tal-Kumpanija Franciza *Vivendi* li sar f'Settembru 2021. Permezz ta' dan is-*share split* kull min kellu sehem ta' *Vivendi* meta saret il-qasma (*share split*) ircieva sehem iehor ta' kumpanija UMG ikkwotata fuq *Euronext Amsterdam.*

UMG, qabel il-qasma, kienet sussidjarja ta' *Vivendi* izda billi giet illistjata separatament, *Vivendi* harguha mill-*Balance Sheet* taghhom u taw ishma diretti lill-azzjonisti b'mod li kull min qabel il-qasma kellu sehem ta' *Vivendi*, wara l-qasma kellu kemm sehem ta' *Vivendi* kif ukoll sehem ta' UMG.

Meta jsir *share split* bhal dan, li jigri normalment huwa li '*all things being equal'* il-valur ta' sehem ta' *Vivendi* qabel il-qasma jkollu l-istess valur ta' sehem ta' *Vivendi* u sehem ta' UMG maghduda flimkien wara l-qasma, ghax il-qasma fiha innifisha ma zzidx il-valur tal-beni li nqasmu.

Jirrizulta izda li skont ir-regolamenti tat-taxxa Franciza, il-hrug ta' sehem gdid ta' UMG li giet *listed* f'*Amsterdam* jigi meqjus daqslikieku thallas *dividend* (*in kind*)

u, ghalhekk, tigi applikata l-istess taxxa daqslikieku kien thallas l-istess valur ta' *dividend* fi flus.

Huwa ghalhekk li nhareg kont tat-taxxa ta' Euro 1793.25 li l-Ilmentatur qed jigi mitlub ihallas u li huwa suggett ta' dan l-ilment. CC tghid li din hija taxxa ta' 26.5% li digà thallset u, ghalhekk, ghandha dritt tigbor dawn il-flus minghand l-Ilmentatur.[1]

**L-Ilment**

L-Ilmentatur mhux jilmenta li jhallas it-taxxa dovuta izda qed jilmenta li gie avzat biss dwar din it-taxxa fit-18 ta' Lulju 2022, jigifieri madwar 10 xhur wara li saret il-qasma. Jilmenta wkoll li CC setghu ikunu jafu dwar il-kundizzjonijiet ta' din il-qasma sa minn Mejju/Gunju 2021, jigifieri, aktar minn 4 xhur qabel il-qasma effettiva, u li kieku kien avzat fil-hin kien forsi jista' jiehu xi azzjoni biex jiffranka din it-taxxa jew inaqqas l-impatt taghha. Fi kliemu, *"kien ikolli zmien bizzejjed biex niehu decizjoni aktar infurmata".*[2]

Ghal dan in-nuqqas huwa qed jitlob *"soluzzjoni gusta u xierqa"* minghajr ma jikwantifika l-pretensjonijiet tieghu ghajr li ma jidhirlux li ghandu jhallas il-kont kif mitlub.

Min-naha tieghu, il-Provditur tas-Servizz isostni li dawn il-flus huma dovuti ghax digà thallsu minnu u li t-*Terms of Business* li jezistu bejn il-partijiet jaghmluha cara li CC ma jaghtux pariri dwar it-taxxa u li l-klijent ghandu jfittex pariri dwar it-taxxa minghand min hu kkwalifikat ghax CC ma jerfghux responsabbiltà ghal xi spejjez ta' taxxa li jirrizultaw mis-servizzi taghhom.

*"CC strongly advises the Client to understand the tax consequences of entering into any transaction under these Terms and to seek appropriate legal, accounting, or tax advice. CC shall not accept liability for any adverse tax consequences arising from the use of CC's services."*[3]

CC jammettu li l-Ilmentatur gie infurmat tard dwar il-hlas ta' taxxa, però, isostnu li anke kieku il-klijent gie avzat fil-hin it-taxxa xorta riedet tithallas. Isostnu li huma rcevew il-kont tat-taxxa minghand il-korrespondenti taghha f'Lulju 2022,

[1] P. 8
[2] P. 2
[33] P. 8

u fi zmien 3 ijiem tax-xoghol infurmaw lill-Ilmentatur. Isostnu li fil-hames snin li kienu ghaddew minn meta l-ishma ta' *Vivendi* gew trasferiti minn provditur iehor l-Ilmentatur xtara u biegh diversi ishma fuq bazi '*Execution Only*' (jigifieri minghjar pariri ta' CC) u, ghalhekk, l-Ilmentatur seta' gab informazzjoni diretta mill-*website* ta' *Vivendi* sa minn Gunju 2021, u hekk kien ikollu z-zmien li jiddeciedi kif kien jidhirlu.

**<u>Il-Process tas-Seduti</u>**

Fl-ewwel seduta li saret fl-14 ta' Marzu 2023, l-Ilmentatur sostna l-istess argumenti u qal li mhux htija tieghu jekk il-korrispondenti ta' CC damu ma avzawhom, ghax hu ir-relazzjoni tieghu hija ma' CC u mhux mal-korrispondenti. Mistoqsi x'seta jsir biex ma tithallasx it-taxxa kieku gie infurmat fil-hin, l-Ilmentatur qal:

*"Forsi kont inbieghhom jew xi haga jew ohra … jew kont inzommhom u nkun naf kemm hi t-taxxa u nhallasha jew inkella kont nghid 'dawn ha ntajjarhom u nixtri share iehor. Dan qieghed 'l isfel u nixtri dan'. Id-decizjoni ma stajtx nehodha sena wara, meta rcevejt il-kont tat-taxxa".*[4]

Fis-seduta tas-17 t'April 2023, il-Provditur tas-Servizz spjega li l-Ilmentatur ghandu 42 tipi ta' ishma fil-portafoll tieghu li 99% minnhom ghazilhom hu u mhux fuq parir ta' CC u, allura, bilfors li s-Sur SC jistudja sew l-ishma li ghandu fil-portafoll u jsegwi l-andament taghhom. Sostna li l-ishma ta' *Vivendi* u UMG flimkien ghandhom valur odjern ta' Euro 8145[5] apparti d-*dividends* li ha fil-frattemp.

B'zieda, ir-raprezentant ta' CC qal *"Li qed jikkontesta (l-ilmentatur) hu li ahna missna avzajnih, imma ma stajniex navzawh u lanqas kien jaghmel differenza kieku kellna navzawh wara l-14 ta' Settembru ghax kienet decizjoni mandatorja. Ma kienx hemm option, kienet decizjoni unanima."*[6]

Fis-sottomissjonijiet finali, l-Ilmentatur cahad li 99.99% tal-portofall tieghu kien '*execution only*' ghalkemm il-maggoranza kienu hekk. Però, sostna li l-ishma ta' *Vivendi* kien wiehed mill-antiki li kien taht *advisory services* meta gie trasferit lil

[4] P. 119
[5] P. 70 dawn kienu nxtraw fl-2012 ghal Euro 3354
[6] P. 113 fil-*Press Release* ta' *Vivendi* datata 22.06.2021 turi li l-qasma giet approvata minn 99.9% tal-voti fl-AGM u ghalhekk is-*share split* kienet ser issir anke jekk ikun hemm xi hadd ma jaqbilx.

CC u, allura, fehem li kellu jibqa' hekk. U rigward il-valur ta' Euro 8145, qal li dan baqa' l-istess valur approssimattiv ta' qabel l-i*split* izda minnu trid tnaqqas il-kont tat-taxxa li qed jintalbu ta' Euro 1793.

Fis-sottomissjonijet tal-Provditur tas-Servizz intqal li anke jekk *Vivendi* kien inxtara bil-parir bhala *advisory "naghtu parir fuq ishma u l-obbligu taghna hu sal-punt li naghtu dak il parir però zgur ma nidhlux fuq aspett tat-taxxa. Din hi l-prassi ta' kull service provider fis-settur finanzjarju".*

*Konsiderazzjoni*

Il-punti principali ta' dan l-ilment huwa jekk il-fatt li l-Ilmentatur gie nfurmat tard hafna wara li l-qasma kienet saret,  filwaqt li hu ppretenda li kellu jigi nfurmat sa tliet xhur qabel il-qasma effettiva, dahhalx lill-Ilmentatur fi spejjez ta' taxxa zejda u dan b'kolpa tal-Provditur tas-Servizz.

L-argument jekk l-ishma ta' *Vivendi* kinux taht '*advisory*' jew '*execution only*' huwa ghall-fini ta' dan l-ilment irrelevanti ghax it-tnejn ma jgorrux maghhom obbligu ta' pariri dwar taxxa.  Jidher li l-Ilmentatur jahseb li *advisory service* huwa l-istess bhal *discretionary mandate* izda dan m'huwiex il kaz. Huwa biss *discretionary mandate* li jpoggi obbligi ta' harsien kontinwu fuq il-*portfolio* u li ghalih ikun hemm spejjez oghla. Fl-ebda hin ma gie argumentat li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet fuq bazi ta' *discretionary mandate.*

L-argument tal-Ilmentatur mhuwiex li ma ghandux ihallas it-taxxa kif dovuta, izda li kieku gie avzat f'Gunju 2021 kien ikun jista' jaghmel xi haga biex jiffranka jew itaffi din it-taxxa. Mistoqsi x'seta' jaghmel galadarba is-*share split* kienet mandatorja u mhux fakultattiva (*optional*), l-Ilmentatur wiegeb:

*"Forsi kont inbieghhom jew xi haga jew ohra … jew kont inzommhom u nkun naf kemm hi t-taxxa u nhallsaha jew inkella kont nghid 'dawn ha ntajjarhom u nixtri share iehor. Dan qieghed 'l isfel u nixtri dan'. Id-decizjoni ma stajtx nehodha sena wara, meta rcevejt il-kont tat-taxxa".*[7]

Jekk l-ghazla tal-Ilmentaur kienet tkun li jzommhom u jhallas it-taxxa kif dovuta, allura, dan l-ilment qed isir ghalxejn. Ghalhekk, l-unika ghazla vera li kellu l-

[7] P. 119

Ilmentatur biex ma jhallasx it-taxxa fuq is-*share split* kienet li jbiegh l-ishma ta' *Vivendi* qabel l-*ex dividend date* li jidher li kienet is-27 ta' Settembru 2021.[8]

Izda dan ma jfissirx li l-Ilmentatur ma kienx ihallas taxxa fuq bejgh bhal dan. Jekk il-valur tal-bejgh kien Euro 8145, kemm qabel kif ukoll wara l-qasma kif argumentat aktar 'il fuq, u jekk il-*cost* originali fl-2012 kien Euro 3554,[9] allura, qed nitkellmu fuq qligh ta' madwar Euro 4500.

L-Arbitru ma ghandux funzjoni jaghmel stimi tat-taxxa li kienet tkun kieku u kif, però, difficli timmangina li xi hadd bhall-Ilmentatur li ghandu portafoll estensiv ta' ishma jista' jargumenta ghall-fini tat-taxxa li dan ikun qligh kapitali li mhux taxxabbli.

**<u>Decizjoni</u>**

L-Arbitru ghandu obbligu li jiddeciedi u jaghti gudizzju fuq l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, ikun gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantativi tal-kaz.[10]

Ghalhekk ghar-ragunijiet spjegati aktar 'il fuq qieghed jichad dan l-ilment ghax ma giex ippruvat li l-Ilmentatur kien jiffranka xi taxxa kieku ha l-uniku alternattiva li kellu li jbiegh l-ishma ta' *Vivendi* qabel il-qasma biex ma jehilx it-taxxa involvuta fil-qasma.

Izda l-Arbitru jhoss ukoll li kien hemm zmien esagerat ta' madwar 10 xhur sa ma l-Ilmentatur gie nfurmat dwar it-taxxa li ried ihallas. Zgur li tal-anqas l-Ilmentatur seta' jigi avzat ftit wara l-qasma ghax it-taxxa kellha tithallas mal-qasma.

Skont Art. 26(3)(c)(iv) ta' KAP 555, l-Arbitru jista' jaghti biss kumpens ghal telf ta' kapital jew dhul jew danni sofferti. Billi ma giex ippruvat li d-dewmien involva l-Ilmentatur f'xi telf jew danni, l-Arbitru ma jistax jaghti kumpens biss ghad-dewmien.

Izda, minghajr il-poter ta' decizjoni li torbot, l-Arbitru jirrakkomanda li l-Provditur tas-Servizz jaghmel gest li jgorr terz tal-piz tal-kont tat-taxxa msemmija bhala s-suggett ta' dan l-ilment.

---

[8] P. 24

[9] Ara *footnote* 5

[10] CAP. 555, Art. 19(3)(b)

Kull parti taghmel tajjeb ghall-izpejjez taghha.

**Alfred Mifsud**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**